


# L-Arbli fuq il-Bjut

Mario Fenech



Matul dawn l-aħħar snin, seħħ żvilupp importanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-festi tagħna l-Maltin; żvilupp li kompla jagħti aktar kulur u tisbieħ fil-libsa tal-festa li jilbes ir-raħal.

L-arbli fuq il-bjut tad-djar żdiedu b'ritmu mgħaġġel u magħhom daħlu drawwiet ġodda li saru jiddistingwu festa minn oħra u raħal minn ieħor.

L-arbli li konna naraw qabel kienu biss dawk fuq il-każini tal-banda, tal-politika, tal-futbol u kultant xi dilettant 'l hawn u 'l hemm.

Illum, dawn l-arbli fuq il-bjut huma meqjusa bħala parti mill-armar ta' barra tal-festa u permezz tagħhom hemm min iqabbel kemm huwa kbir il-partit tal-banda u n-numru ta' partitarji ta' dik il-festa.

Hemm ħafna metodi ta' kif wieħed jinduna ta' min huma dawn il-partitarji. Bdejna bil-kulur tal-galletta ta' fuq l-arblu. Din tkun skond il-kulur tal-banda; ħamra, kaħla, ħadra, eċċ. Imbagħad bdew jidhru l-globi bl-istess kuluri li aktar tard bdew jiġu mixgħula skont il-kulur.

Hemm min fuq l-arblu tiegħu jagħmel stilla (li fl-istess ħin tkun ukoll pinnur) jew simboli oħra bħall-isem tal-Madonna, l-palma u s-sejf, il-kuruna u aktar.

Użanza ġdida kienet dik tat-tubi tal-kulur li jittellgħu sa fuq nett tal-arblu. Dawn jiġu mixgħula meta tkun qed toqrob il-festa, ġeneralment meta jkunu bdew l-Erbgħat, is-Sibtijiet eċċ bi tħejjija għall-festa.

Bdejna naraw ukoll l-użu tal-kukkardi bil-kulur, li imbagħad rajnihom ukoll jixegħlu filgħaxija.

Il-bnadar li qabel kienu jkunu dawk ta' Malta, tal-Papa u tar-Reliġjon, issa qegħdin isiru b'mod aktar artistiku u jkun fihom xena mill-isbaħ speċjalment meta ż-żiffa ħelwa tiftaħhom lejn in-nofs tat-triq.

Il-mod ta' kif jinżamm arbulat l-arblu, tbiddel ukoll, u bdejna naraw ħafna arbli mingħajr il-ventijiet, jiġifieri mingħajr il-pupress jew alzarun. Saħansitra t-tul ta' dawn l-arbli żdied konsiderevolment, allura wkoll id-daqs tal-bnadar.

Daħlet ukoll id-drawwa tal-arblu l-kbir fit-triq f'tarf ir-raħal. Fil-bidu kienu ġew imtella' żewġ arbli kbar fuq is-swar tal-belt tal-Birgu, wieħed għall-festa ta' San Lawrenz u l-ieħor għall-festa ta' San Duminku. Warajhom rajna arbli kbar fid-daħla tar-raħal taż-Żurrieq, fi Triq il-Wied Birkirkara, fix-xatt ta' Tas-Sliema, Santa Venera, l-Imqabba u l-Qrendi fost oħrajn. Dan l-eżempju mxew fuqu diversi kunsilli lokali li waqqfu arbli f'postijiet prominenti biex magħhom tiġi mtellgħa l-bandiera bl-arma tal-lokalità.

Filgħaxija, waqt il-jiem tal-festa, wara li tkun ġiet imniżżla l-bandiera, jittella' l-festun bil-bozoz u bit-tubu fil-parti ta' fuq tiegħu. Ikun hemm min iżewwaq il-kuluri tal-bozoz skont il-kuluri tal-patrun jew



Ftit mill-bnadar privati bil-pittura ta' San Nikola li jittajru ta' kull sena fis-sema Siġġiwijja fil-ġranet tal-festa

patruna. Oħrajn itellgħu aktar minn festun wieħed biex jiffurmaw l-isem tal-Madonna, filwaqt li xi wħud jarmaw saħansitra ċ-ċint tal-bejt bid-dawl u l-liedna biex b'hekk il-festa tkun aktar ikkulurita.

Fir-raħal tas-Siġġiewi, fejn in-numru ta' arbli huwa wieħed kbir, dawn l-użanzi huma popolari man-nies u l-kuluri ħomor u sofor jiddominaw il-bjut tar-raħal u l-faċċati tad-djar.

Dawn huma drawwiet sbieħ, drawwiet li għandhom jiġu nkoraġġiti biex b'hekk dak li huwa tajjeb, għalkemm mhux daqstant antik, inżommuh fil-post li jixraqlu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd

Crown fibreglass
REICHHOLD resins
OWENS CORNING
CLYDE CUTAJAR
Managing Director
AKZO NOBEL Ahlstrom

Tel: +356 2149 9129
Mob: +356 9942 0586

ĦANDAQ INDUSTRIAL ZONE
MANUEL BORG GAUCI STREET
TAL-ĦANDAQ QORMI, QRM 4000 MALTA

www.crownfibreglass.com
Email:crownfibre@waldonet.net.mt